- *INCIDENT INDUSTRIJALI –*
- *DANNI –*
- *ARBITRIO BONI VIRI –*
- *PROTEZZJONI TAS-SAHHA TAL-HADDIEM FUQ IL-POST TAX-XOGHOL –*
- *SAFE PLACE OF WORK –*
- *ASBESTOS -*

*-WERRIETA –*

*- DAMNUM EMERGENS -*

# IL-PRIM' AWLA TAL-QORTI CIVILI

## IMHALLEF

## ONOR. RAYMOND C. PACE LL.D.

## Seduta ta' nhar il-Hamis 27 ta' Gunju 2002

**Kawza Numru: 49**
**Citazzjoni Numru: 1028/97/RCP**

**Neville Desira, Jane Desira f'isimha proprju u bhala *kuratrici ad litem* ta' uliedha minuri Jamie Desira u Race Desira, skond digriet tas-sbatax (17) ta' April 1998**

**vs.**

**Grech and Company Limited u Square Deal (Laundry and Dry Cleaning) Limited ghal kull interess li jista' jkollha**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici a fol. 1 fejn gie premess:-

Illi l-mejjet Anthony Desira, zewg l-attrici Jane Desira u missier l-atturi Neville u l-minuri Jamie u Race, ahwa Desira, kien ilu impjegat mas-socjeta' konvenuta ndikata fl-anness Dok A bl-isem Square Deal Laundry and Dry Cleaning, Grech and Company Limited sa minn Ottubru tas-sena elf disa' mija u erbgha u sittin (1964) u hadem biss ma' l-istess socjetajiet konvenuti;

Illi x-xoghol tieghu kien jesponih ghal sustanzi perikoluzi bhalma huma l-*asbestos* u elementi ohra konnessi max-xoghol tieghu u mal-makkinarju adoperat fl-istess xoghol tieghu;

Illi, kif ser jigi pruvat waqt is-smiegh tal-kawza, s-socjetajiet konvenuti jew min minnhom naqsu milli jipprovdu adegwatament sabiex l-impjegati taghhom ikunu mharsa minn dawn is-sustanzi u dan billi naqsu milli jipprovdu l-impjegati taghhom b'taghmir personali protettiv jew

altrimenti jiehdu dawk il-passi kollha necessarji sabiex jassiguraw illi dawn is-sustanzi jigu newtralizzati jew imnehhija kif huma jew min minnhom kienu obbligata li jaghmlu skond il-ligi;

Illi, kif ser jirrizulta wkoll mill-provi, l-istess Anthony Desira kien l-aktar wiehed fost l-impjegati kollha tas-socjetajiet konvenuti li kien espost ghal dawn is-sustanzi perikoluzi minghajr ma' qatt gie moghti protezzjoni adegwata;

Illi minhabba f'hekk l-imsemmi Anthony Desjra marad b'marda terminali fil-pulmun u konsegwentement huwa tilef hajtu f'Awissu tas-sena 1996 wara li gie sottomess ghall-operazzjonu kirurgika f'Mejju 1995, liema marda hija kompatibbli ma' u konsegwenzjali ghall-fatt li hu kien espost ghall-periklu fuq imsemmi;

Illi *nonostante* illi s-socjeta' konvenuta Grech and Company Limited giet interpellata anke ufficjalment sabiex taddivjeni ghall-likwidazzjoni u l-hlas ta' danni kawzati lill-atturi minhabba l-mard u l-konsegwenzjali mewt ta' l-istess Anthony Desira, is-socjeta' konvenuta baqghet inadempjenti;

Illi l-istess atturi talbu li s-socjetajiet konvenuti jghidu ghaliex m'ghandhiex din l-Qorti, jekk hemm bzonn bl-ghajnuna ta' periti minn din il-Qorti nominati:-

1. Tiddikjara illi s-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, responsabbli ghall-mard u konsegwenzjali mewt ta' l-imsemmi Anthony Desira nkwantu huma naqsu milli jiehdu l-passi kollha necessarji sabiex tigi mharsa is-sahha ta' l-istess Anthony Desira mill-perikli li ghalihom huwa kien soggett fuq il-post tax-xoghol tieghu;

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba tali responsabbilta';

3. Tikkundanna u tordna lis-socjetajiet konvenuti, jew min minnhom, ihallsu lill-atturi s-somma rapprezentanti danni hekk likwidati;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Settembru 1996 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru Kawtelatorju prezentat kontestwalment, kontra s-socjetajiet konvenuti, rapprezentanti ta' liema huma minn issa ingunti personalment ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni attrici a fol 4 *et seq.* tal-process;

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet taz-zewg socjetajiet konvenuti a fol. 23 tal-process fejn eccepew :-

1. Illi t-talbiet kollha tal-atturi huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u s-socjetajiet konvenuti mhumiex responsabbli ghall-mard u mewt ta' Anthony Desira u ghaldaqstant it-talbiet

kollha ta' l-atturi ghandhom jigu michuda bl-ispejjes kollha kontra l-istess atturi.

2. Salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-dikjarazzjoni tas-socjetajiet konvenuti a fol. 24 *et seq.* tal-process;

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' April 1998 fejn il-Qorti nnominat lil Dr.Joseph Micallef Stafrace LL.D. bhala perit legali sabiex jassisti lill-perit mediku li ser jigi nominat bhala espert mediku aktar 'il quddiem wara rikors tal-partijiet li jissuggerixxu isem ghal tali nomina;

Rat in-nota konguntiva tal-partijiet li permezz taghha ndikaw lil Dr.Stephen Montfort M.R.C.P. (Chest Physician) sabiex jassisti lil Perit Legali Dr.Joseph Micallef Stafrace fil-gbir tal-provi u r-relazzjoni;

Rat il-verbali tas-seduti tas-6 ta' Ottubru 1998 fejn gie nominat l-Espert Mediku Dr.Stephen Montfort M.D. sabiex jassisti lill-Perit Legali Dr.Joseph Micallef Stafrace LLD.;

Rat in-nota ta' l-atturi li biha esebew l-affidavits ta' l-attrici, ta' Mario Borg u Joseph Camilleri;

Rat in-nota taz-zewg socjetajiet konvenuti li permezz taghha esebew tliet affidavits flimkien ma' dokumenti u ritratti;

Rat il-verbali tas-seduti tal-1 ta' Marzu 1999 fejn il-Qorti rrevokat *contrario imperio* d-digriet tal-Qorti tad-29 ta' April 1998 u tas-6 ta' Ottubru 1998; tas-17 ta' Mejju 1999;

Rat in-nota tal-atturi li biha giet esebita x-xhieda tal-Kirurgu Dennis T. Gatt;

Rat il-verbali tas-seduti tad-9 ta' Gunju 1999; tal-5 ta' Novembru 1999; tal-15 ta' Marzu 2000 fejn id-difensuri tal-partijiet qablu illi f'dan l-istadju ghandhom jigu nominati esperti fil-materja u qablu illi Dr.Stephen Montford ghandu jkun l-Espert Mediku u l-Professur Joseph Mifsud ghandu jkun il-persuna teknika u l-Qorti nnominathom biex jirrelataw dwar id-domanda attrici wara li jiehdu konjizzjoni tal-eccezzjonijiet kollha opportuni ghall-kawza; tal-5 ta' Gunju 2000; tal-14 ta' Novembru 2000;

Rat in-nota tal-atturi li permezz taghha esebew affidavit tal-attrici ;

Rat il-verbal tas-seduta tal-1 ta' Frar 2001;

Rat in-nota tas-socjetajiet konvenuti;

Rat il-verbali tas-seduti tal-15 ta' Mejju 2001; tal-10 ta' Ottubru 2001 fejn deher Dr.Stephen Montford li kkonferma r-rapport. Il-kawza giet differita ghall-ezami tar-rapport ;

Rat in-nota tas-socjetajiet konvenuti li talbu n-nomina ta' periti addizzjonali;

Rat il-verbali tas-seduti tal-1 ta' Novembru 2001;

Rat in-nota tas-socjetajiet konvenuti li permezz taghha rtiraw it-talba taghhom ghan-nomina ta' periti addizzjonali maghmula permezz tan-nota prezentata fl-10 ta' Ottubru 2001;

Rat il-verbali tas-seduti tad-9 ta' Jannar 2002 fejn il-konvenuti u d-difensuri taghhom msejhin diversi drabi baqghu ma dehrux. Dr.Chris Vella tratta l-kaz. Dr. Meilaq talab li jaghmel nota u l-Qorti pprefiggiet terminu ta' 30 jum bil-visto / notifika lid-difensur tal-kontro-parti li jkollu 30 jum biex jirrispondi. Il-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' April 2002;

Rat in-nota tal-osservazzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti u tal-atturi;

Rat il-verbal tas-seduta tat-30 ta' April 2002 fejn peress li l-Qorti kellha bzonn aktar zmien ghall-prolazzjoni tas-sentenza l-kawza giet differita ghas-sentenza ghat-30 ta' Mejju 2002 u wara giet differita ghas-27 ta' Gunju 2002.

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. KONSIDERAZZJONIJIET

### (A) RESPONSABBILTA' TAL-INCIDENT

Illi fil-kawza odjerna l-atturi qed jallegaw li l-mewt ta' Anthony Desira (zewg u missier l-istess atturi) b'marda terminali fil-pulmun kienet kagun tax-xoghol tieghu mas-socjeta' konvenuta Square Deal Laundry & Dry Cleaning liema xoghol kien jesponih ghal sustanzi perikoluzi bhalma huma l-*asbestos* u elementi ohra konnessi max-xoghol tieghu u mal-makkinarju adoperat fl-istess xoghol tieghu. *Inoltre'* huma jsostnu li l-istess socjetajiet konvenuti naqsu milli jipprovdu adegwatament sabiex l-impjegati taghhom jkunu mharsa mis-sustanzi *stante* li naqsu milli jipprovdulhom taghmir personali protettiv jew altrimenti jiehdu dawk il-passi kollha necessarji sabiex jassiguraw illi dawn is-sustanzi jigu newtralizzati jew imnehhija.

Illi min-naha taghhom is-socjetajiet konvenuti eccepew illi m'humiex responsabbli ghall-mard u mewt ta' Anthony Desira. Kif ukoll isostnu li huma dejjem ipprovdew *"a safe system of work".*

Illi fl-affidavit taghha **Jane Desira**, mart il-mejjet Anthony Desira, xehdet li zewgha kien ilu jahdem mas-socjeta' konvenuta sa mill-1964 u sakemm dam haj dejjem baqa' jahdem hemm u ma' hadd aktar. Xoghlu kien dak in konnessjoni ma' *laundry u dry cleaning* u dak kollu relatat

ma' l-istess xoghol inkluz tindif ta' makkinarju fosthom *boiler* li kien jidhol fih peress li kien fizikament zghir. Zewgha kien jahdem permezz ta' materjal ta' l-*asbestos* li kien jintuza' fil-makkinarju li permezz tieghu kien isir ix-xoghol ta' laundry u dry cleaning. Hija qalet: *"Huwa kien jahdem f'ambjent ta' sustanzi perikoluzi minghajr qatt ma nghata protezzjoni jew beneficcji minhabba n-natura tal-perikoli ghal sahhtu li x-xoghol tieghu kien qed jesponih."*

Illi huwa kien gieli jmur id-dar b'ghajnejh homor minhabba l-kimika li kienet tintuza'. Zewgha kien ha nfezzjoni fil-qiegh ta' saqajh it-tnejn minhabba l-ilmijiet tal-hasil u ilmijiet ohra li kien ikun hemm ma' l-art u li kienu jippenetraw miz-zarbun tieghu. Minhabba din l-infezzjoni s-socjeta' konvenuta nsistiet li jghaddi Bord u fl-1989 beda jircievi l-*allowance* tal-pensjoni tal-invalidita'. Pero' qabel ma harget il-marda fil-pulmun kellu jaghmel operazzjoni f'April 1995. L-effetti tal-marda dehru ghall-ewwel darba biss ftit xhur qabel l-operazzjoni u madwar sena u erba' xhur wara huwa miet. Wara l-operazzjoni kellmet lill-professur li qalilha li zewgha kellu kancer fil-pulmun u li l-marda kienet mghaggla u fi stadju avvanzat u b'hekk ma kellux wisq tul ta' hajja. Il-pulmun tieghu kien imtaqqab u ffjammat bhala konsegwenza tal-kuntatt li kellu ma' l-*asbestos*.

Illi xehed ukoll **Mario Borg** li ukoll kien impjegat ghal madwar 24 sena mas-socjeta' konvenuta. Xoghlu kien bhal dak ta' Anthony Desira li kien impjegat qablu tant li kien l-istess Desira li kien ghallmu. Ix-xhud spjega li meta kienu

jahdmu tas-Sliema xogholhom kien jinkludi xoghol ta' manutenzjoni tal-makkinarju u materjal konness bhalma huma hbula ta' l-*asbestos* li kienu jdawru mal-pajpijiet tal-*isteam*. Fil-process ta' *dry cleaning* kienu jahslu hwejjeg permezz ta' kimika msejha *"Perklone*". Huwa qal li meta kienu jaghmlu dan it-tip ta' xoghol qatt ma gew provduti b'ilbies jew taghmir ta' protezzjoni sabiex jigu protetti mill-hbula ta' l-*asbestos* jew il-kimika msemmija.

Illi fl-ahhar tas-snin sittin is-socjeta' konvenuta trasferit ruhha ghal Marsa b'impjant akbar. Fil-bidu xogholhom kien jikkonsisti fi strutturar mill-gdid tal-istess makkinarju li kien f'tas-Sliema kif ukoll fuq dak gdid mixtri specifikatament. Dan ix-xoghol kien jinkludi l-istallazzjoni mill-gdid ta' pajpijiet mal-makkinarju li kellhom jiddawru bil-hbula ta' l-*asbestos*. F'dan ix-xoghol kien ighinhom ukoll Joseph Camilleri u ohrajn. Dan ix-xoghol kien isir kull meta jinxtara makkinarju gdid jew ghal ragunijiet ta' manutenzjoni. Dan l-impjant gol-Marsa dejjem baqa' jespandi.

Illi xoghlhom gol-Marsa zdied minhabba makkinarju gdid u huwa spjega f'hiex kien jikkonsisti u spjega li matul dan il-process kien johrog *"kwantita' kbira ta' fwar, steam u rwejjah qawwijin li kienu insopportabbli."* Ix-xhud kompla *"Inzid nghid illi ahna qatt ma' gejna provduti b'ilbies jew taghmir ta' protezzjoni sabiex inkunu protetti minn dawn l-elementi. Nghid ukoll illi ma kellniex ventilazzjoni adegwata u fil-fatt konna nilmentaw mal-management sabiex jipprovdu ventilazzjoni ahjar."*

Illi huwa temm ix-xhieda tieghu billi qal li bhala konsegwenza ta' dan ix-xoghol ibaghti hafna bil-gerzuma u ghamel zmenijiet meta lanqas biss kellu vuci u sa llum il-vuci tieghu ghadha mahnuqa.

Illi xehed ukoll **Joseph Camilleri** li beda jahdem mas-socjeta' konvenuta fl-4 ta' Marzu 1970 fl-impjant tal-Marsa. Baqa' jahdem hemm madwar 20 sena peress li mbaghad gew trasferiti f'impjant iehor Bulebel. Huwa kien jahdem l-istess xoghol li kienu jaghmlu Anthony Desira u Mario Borg. Bazikament spjega u kkonferma dak li qal Mario Borg dwar f'hiex kien jikkonsisti x-xoghol fosthom kuntatt mal-materjal *asbestos.*

Illi huwa xehed li meta kien jahdem mas-socjeta' kellu wkoll kariga ta' *shop steward.* F'diversi okkazzjonijiet ilmentaw mal-*manager* tas-socjeta' minhabba dawn l-elementi tal-kimika li kienet tidhol f'imnifsejhom u kienet tweggaghlhom ghajnejhom. Kienu talbu li jigu pprovduti b'*extractors* jew *air-conditioning* izda dawn qatt ma waslu. Kulma' kellhom biex jipprotegihom mill-irwejjah u elementi kien fann li kien ikun hdejn il-pressa. Meta kienu talbu ghal ventilazzjoni ahjar kienu qalulhom li l-ftuh fuq il-parti ta' wara ta' l-impjant kien bizzejjed. Izda dan ma kienx minnu peress li quddiem ma kienx hemm ftuh u ma kienx ikun hemm cirkolazzjoni ta' arja b'mod li l-arja hazina kienet tibqa' maqbuda hemm gew.

Illi x-xhud ikkonferma illi huma qatt ma gew provduti la b'maskri u bl-ebda apparat iehor ta' protezzjoni kontra dawn l-elementi. Meta telghu Bulebel inghataw nuccalijiet tal-*plastic* imma f'dan iz-zmien Anthony Desira ma kienx ghadu jahdem mas-socjeta' konvenuta.

Illi permezz ta' affidavit xehed **Dennis T. Gatt**, konsulent kirurgu generali u vaskulari, ikkonferma l-kontenut tar-rapport tieghu (Dok. "E"). Huwa spjega f'hiex kienet tikkonsisti l-operazzjoni li saret f'Mejju 1995 fejn ittiehdu bicciet mill-plewra ghall-analizi fil-laboratorju. Dawn ikkonfermaw li kellu *"mesothelioma"* tal-plewra li hija direttament assocjata ma' l-espozizzjoni xi zmien qabel ghall-*asbestos*. Huwa spjega li l-*asbestos* jikkawza *mesothelioma* tal-plewra li huwa cancer aggressiv u li ghalih m'hemm l-ebda fejqan. Din tista' titfacca anki 20 sena wara l-esposizzjoni ghall-*asbestos* u din l-assocjazzjoni kienet diga' maghrufa sewwa fis-snin sebghin (1970's).

Illi huwa qal li bl-ebda mod din il-marda li kellu Desira ma tista' tkun relatata ma' konsum ta' sigaretti jew ta' alkohol. Xehed li ma kienx hemm bzonn ta' awtopsja peress li diga' kellhom *"tissue diagnosis"* mill-bicciet ta' plewra li tnehhew waqt l-operazzjoni. Dawn l-effetti tal-marda ma jistghux jigu konstatati fil-prezent permezz ta' *"exhumation". Inoltre* il-*"mesothelioma"* taffettwa biss is-*"soft tissues"* li s'issa jkunu tmermru kompletament. Li jista' jsir huwa li jergghu

jigu ezaminati s-*slides* tal-*biopsies* li ttiehdu fl-operazzjoni originali.

Illi **Ronald Blake** kien *manager* ta' Square Deal Laundry & Dry Cleaning minn Settembru 1968 sa Ottubru 1989. Imbaghad sar *manager* ta' Swan Laundry & Dry Cleaning sas-sena 1994, illum irtirat. Rigward il-post tal-Marsa qal li kellu ventilazzjoni tajba – kien hemm diversi *extractors* u *fans*, hafna twieqi kbar u anki diversi bibien kbar. Kien hemm ukoll zewg *skylights* kbar li kellhom *"air gap"* madwarhom. Fil-21 sena kariga ta' *manager* ta' Square Deal Laundry & Dry Cleaning, l-impjegati dejjem kellhom ghad-dispozizzjoni taghhom il-*"protective clothing"* necessarju. Kienu jipprovdulhom *"aprons". "nose & mouth pieces"* li kellhom *"in built filter"* u zraben. Izda mhux l-impjegati kollha kienu jilbsu dan il-*"protective clothing"* u kien jilmenta fuq hekk max-*"shop steward"* tal-General Workers Union.

Illi rigward l-*asbestos* spjega illi l-*laundry u dry cleaning* tal-Marsa, bhal *laundries* u *dry cleaners* kollha tad-dinja ta' dak iz-zmien, kienet tuza' prodotti ta' l-*asbestos* ghal *"heat retention"*. Xi apparat li kienu jimportaw mill-Ingilterra kellu *"in built asbestos".* Huma kienu juzaw l-*asbestos* ukoll biex jiksu xi "*steam pipes"*. Dan ix-xoghol normalment u fil-bicca l-kbira tal-kazijiet kien isir minn kuntrattur privat li kien jismu Colonial Engineers li kien jinsab il-Marsa. Pero' huwa ammetta li f'xi okkazjonijiet meta x-xoghol ta' kisi kien zghir hafna, dan ix-xoghol ta' kisi bl-*asbestos* kien isir mill-

impjegati taghhom stess u dan kien isir fuq bazi volontarja cjoe' kienu joffru huma stess biex jaghmlu dan ix-xoghol biex jithallsu *"extra".* Dan ix-xoghol ma kienx isir minn xi mpjegat partikolari imma mill-impjegati kollha skond il-bzonn.

Illi huwa qal li dan l-*asbestos* kien jidhol b'mod regolari u dak iz-zmien kien jintuza' minn kulhadd anki mill-Istat. Huwa sostna li l-*asbestos* kien jintuza' fid-dinja kollha mill-industrji li kellhom bzonn *"heat retention"* u dak iz-zmien hadd ma kien jaf li l-*asbestos* seta' kien perikoluz.

Illi fil-perjodu li kien *manager* dejjem accettaw u esegwew it-talbiet tal-General Workers Union dwar "protective union" u *"health & safety"* tal-haddiema taghna. B'mod regolari u perjodikament l-ispetturi tal-Labour Office kienu jaghmlu *"surprise visits"* fil-*laundry* u *dry cleaning* tal-Marsa u kienu jezaminaw il-fond bir-reqqa. Huwa spjega illi dawn l-ispetturi kienu wkoll ikellmu lil haddiema privatament. Kien ikollhom ukoll vizti regolari mill-Engineer tal-Labour Office biex jispezzjona l-*"boiler".* Huma dejjem kellhom rapporti tajbin minn dawn l-engineers u spetturi.

Illi huwa sar jaf lil Anthony Desira fl-1968 u kien ikun in kuntatt mieghu regolarment ghal cirka 20 sena sakemm gie *"boarded out".* Xehed li Desira qatt ma kien fuq xoghol ta' *"maintenance"* u meta kien jaghmel xi xoghol ta' *"maintenance"* dan kien jaghmlu bhala *"extra work"* fuq talba tieghu stess biex jithallas *"extra".* Skond huwa l-

kuntatt fiziku ta' Anthony Desira ma' l-*asbestos* kien rari hafna.  Huwa kien joffri wkoll li jnaddaf il-*boiler* u dan kien jaghmlu minn barra permezz ta' *brushes*.  Zied ighid li l-*boiler* m'ghandux *asbestos* fih.

Illi x-xhud qal ukoll li Desira ma kienx jilbes iz-zraben protettivi u huwa lmenta mieghu dwar dan f'diversi okkazzjonijiet.  Darba kien qallu li ma jilbisx iz-zarbun ghax kien idejqu. Kellu wkoll l-kallijiet f'saqajh.  Huwa ftakar ukoll li Anthony Desira kien ipejjep hafna u wiehed seta' jiddeskrivih bhala *"a heavy smoker"*.

Illi xehed ukoll bl-Ingliz **David Smith** li spjega li ghamel 14 il-sena fir-Royal Navy jahdem bhala *"Engine Room Artificer"* u qal li kien ikun *"in continuous and regular contact with asbestos made products"*.  Dan kien uzat regolari ghal *"heat retention"* u kien uzat mad-dinja kollha fl-industriji kollha.  Huwa qal li meta rtira min-Navy beda jahdem ma' Square Deal Laundry & Dry Cleaning u dam madwar hmistax-il (15) sena jahdem maghhom.  Imbaghad prattikament ikkonferma dak li qal Ronald Blake ghal dak li jirrigwarda l-uzu ta' l-*asbestos* u min kien generalment jaghmel ix-xoghol.  Kif ukoll sostna li l-fabbrika tal-Marsa kienet ventilata b'mod tajjeb.  Huwa kkonferma li kien jaf lil Anthony Desira fuq perjodu ta' hafna snin.

Illi xehed ukoll **Emanuel Grech** li ghamel snin twal jokkupa l-kariga ta' direttur tas-socjetajiet Grech & Company Limited u Square Deal (Laundry & Dry Cleaning) Ltd u kien

id-direttur inkarigat mit-tmexxija tal-Laundry u Dry Cleaning u kien il-persuna li ha hsieb il-ftuh tal-Laundry u Dry Cleaning tal-Marsa. Huwa kien jaf lil Desira u cahad l-allegazzjoni fl-affidavit ta' Jane Desira li huma nsistew li jghaddi Bord ghax kien hu minn jeddu li ghamel hekk. Mill-bqija kkonferma dak li qal Ronald Blake kemm dwar l-uzu ta' l-*asbestos*, dwar il-ventilazzjoni tal-istess fabbrika, dwar il-*"protective clothing"*, kif ukoll dwar kif Anthony Desira seta' gie in kuntatt ma' l-*asbestos*. Huwa spjega li kien iqatta' granet twal fl-imsemmija Laundry u Dry Cleaning tal-Marsa u anki gieli uza magni. Kellhom engineer impjegat *"full time".* Huwa enfasizza l-punt li mhux veru li kien hemm ilmenti fuq xi kimika jew ventilazzjoni ghax din kienet tajba hafna u l-impjegati kellhom *"nose & mouth pieces"* li hafna minnhom kienu jirrifjutaw li jilbsu. Fl-ahharnett ftakar li Anthony Desira kien ipejjep hafna sigaretti tant li kien *"chain smoker".* Kien ukoll jixrob xorb alkoholiku b'mod regolari u ta' spiss.

Illi fl-ewwel lok hemm fatti li hemm qbil dwarhom. Fl-ewwel lok Desira kellu *"mesothelioma tal-pleura"* u minhabba f'din il-marda huwa miet fit-8 ta' Awissu 1996, u dan wara li anki kienet saritlu operazzjoni f'Mejju 1995 mill-Kirurgu Dennis Gatt. Fit-tieni lok, il-mejjet kien beda jahdem mal-kumpanija Grech & Company Limited minn 1964 meta kellu 17-il sena sakemm gie *"boarded out"* fl-eta' ta' 40 sena. Minn mindu beda jahdem sakemm giet konfermata l-marda fl-1995 ghaddew 31 sena. Fit-tielet lok, hemm qbil sa certu punt, li Desira kellu kuntatt matul is-snin li hadem ma' l-*asbestos*.

Illi fil-fatt mix-xhieda ta' Mario Borg u Joseph Camilleri li kienu jahdmu fuq l-istess xoghol mal-istess Anthony Desira, jirrizulta li dawn spjegaw fid-dettal f'hiex kien jikkonsisti xogholhom fosthom xoghol ta' manutenzjoni tal-makkinarju u materjal konness bhalma huma hbula ta' l-*asbestos* li kienu jdawru mal-pajpijiet tal-*isteam*. Anki l-istess Ronald Blake (*manager* mas-socjeta' Square Deal & Dry Cleaning, imbaghad ma' Swan Laundry & Dry Cleaning) xehed *verbatim* is-segwenti:-

*"Rigward l-asbestos nispjega illi l-laundry u dry cleaning tal-Marsa, bhal laundries u dry cleaners kollha tad-dinja ta' dak iz-zmien, kienet tuza' prodotti ta' l-asbestos ghal heat retention. Xi apparat li konna ninportaw mill-Ingilterra kellu in built asbestos. Ahna konna nuzaw l-asbestos ukoll biex niksu xi steam pipes. Dan ix-xoghol normalment u fil-bicca l-kbira tal-kazijiet kien isir minn kuntrattur privat li kien jismu Colonial Engineers li kien jinsab il-Marsa. Pero' f'xi okkazzjonijiet meta x-xoghol ta' kisi nvolut kien zghir hafna, dan ix-xoghol kien isir mill-impjegati taghna stess".* Ukoll *"Il-kuntatt fiziku ta' Anthony Desira ma' l-asbestos kien rari hafna u nenfasizza l-punt illi xogholu ma kienx fuq l-asbestos."* Dan kif konfermat minn David Smith u Emanuel Grech – xhieda prodotti mis-socjetajiet konvenuti.

Illi s-socjetajiet konvenuti, min-naha taghhom, pero' ppruvaw jiggustifikaw lilhom infushom. Infatti fit-tlett affidavits tax-xhieda prodotti minnhom enfasizzaw li l-

*asbestos* kienu jixtruh lest mill-*hardware store* u kien jidhol Malta b'mod legali u regolari u kien jintuza' minn kulhadd. Kienet infatti ta' uzu nternazzjonali li dan kien jintuza' fil-*laundries* u *dry cleaners* kollha tad-dinja ta' dak iz-zmien billi kienu jintuzaw prodotti ta' l-*asbestos* ghal *"heat retention"*. *Inoltre* jsostnu li l-*asbestos* kien jinxtara liberalment u b'mod legali u l-projbizzjoni saret fis-sena 1994 permezz ta' Avviz Legali 129/94 u ghalhekk meta Desira kien jahdem maghhom l-*asbestos* kien legali. Ronald Blake qal li dak iz-zmien hadd ma kien jaf li l-*asbestos* seta' kien perikoluz.

Illi fir-rapport tal-Perit Mediku rrizulta li qabel l-1960 it-tumur tal-pleura bhalma sofra s-sur Desira kien rari hafna. *"Aktar tard kien innutat li nies li kienu esposti ghall-asbestos f'xogholhom kienu qeghdin ibatu minn dat-tip ta' tumur hafna aktar ta' spiss."*

Illi jinghad pero' li fl-affidavit tieghu l-Kirurgu Dennis T. Gatt qal illi: *"Nispjega li l-asbestos jikkawza mesothelioma tal-plewra li huwa cancer aggressiv u li ghalih m'hemm l-ebda fejqan. Inzid nghid li dan ilu maghruf hafna, tant li ghandi ktieb antik ta' l-1975 (Davidson's principles and Practice of Medicine –11$^{th}$ Edition 1975), li jitkellem fuq dan is-suggett bi kjarezza kbira u jghid li wara l-espozizzjoni ghall-asbestos, mesothelioma tista' titfacca anke ghoxrin sena wara. Minn dan nista' nikkonferma li l-assocjazzjoni ta' din il-marda ma' l-asbestos kienet diga' maghrufa fis-snin sebghin."*

Illi dan kollu ma giex kontradett min-naha tas-socjetajiet konvenuti kif jinsab ukoll kkonfermat mix-xhieda ta' Ronald Blake, kif korroborat minn Emanuel Grech, li spjega li dan ix-xoghol ta' kisi bl-*asbestos* generalment kien isir minn kuntrattur privat u kien f'xi okkazzjonijiet meta x-xoghol ta' kisi nvolut kien zghir hafna li kien isir mill-impjegati taghhom stess. Huwa kompla jzid li dan ix-xoghol kien isir fuq bazi volontarja u l-impjegati kienu joffru huma stess u kienu jithallsu *"extra".* Dan kien fil-fatt jigri fil-kaz ta' Anthony Desira ghaliex xogholu ma kienx proprja fuq *maintenance* pero' gieli ghamel xi xoghol ta' manutenzjoni biex jaqla' xi haga zejda.

Illi fl-opinjoni ta' din il-Qorti dan l-argument imressaq mis-socjetajiet konvenuti, cjoe' li l-istess Anthony Desira kien jaghmel dan ix-xoghol *'extra'* min jeddu, m'ghandu l-ebda fondament legali *stante* li min ihaddem ghandu dejjem jipprovdi *"a safe system of work"* indipendentement mill-fatt jekk il-haddiem ikunx qed jahdem fil-kors normali tieghu jew bhala xoghol *"extra"* biex jaqla' xi haga zejda.

Illi hemm ukoll kwistjoni dwar *"protective clothing"*. Ix-xhieda Ronald Blake u Emanuel Grech prodotti mis-socjetajiet konvenuti sostnew li l-impjegati dejjem kellhom ghad-dispozizzjoni taghhom il-"*protective clothing*" necessarju cjoe' *"aprons", "nose & mouth pieces"* li kellhom *"in built filter"* u zraben u dan a spejjez tal-kumpanija. Huma sostnew li mhux l-impjegati kollha kienu jilbsuh u

nfatti kienu jilmentaw dwar dan max-*"shop steward"* tal-General Workers Union.

Illi pero' dan gie kontradett mix-xhud Mario Borg u Joseph Camilleri li kien ukoll *"shop steward"* xehed li kien hemm impjegat partikolari bl-isem ta' Michael Fiteni illi waqt il-hinijiet tax-xoghol kien juza' maskra ta' l-*isprayers* minhabba li r-riha kienet insopportabbli. Din il-maskra pero' kienet tieghu. Camilleri kompla jghid illi *"ahna qatt ma gejna provduti la b'maskri u bl-ebda apparat iehor ta' protezzjoni kontra dawn l-elementi."* Huwa qal li kienu wkoll ilmentaw mal-*manager* minhabba l-elementi ta' kimika li kienet tidhol f'imnifsejhom u li kienet tweggaghlhom ghajnejhom. Huwa qal ukoll li kienu jinsistu ghal ventilazzjoni ahjar permezz ta' *air conditioning* jew *extractors* peress li l-fannijiet ma kienux adekwati.

Illi pero' x-xhieda tas-socjetajiet konvenuti xehdu li l-ventilazzjoni kienet tajba. Is-sur Grech qal li l-inginiera u l-ispetturi tal-*Labour Office* u l-*union* ta' l-impjegati dejjem approvaw l-*istandards* u s-*system of work tal-fabbrika*. Izda kif anki kkummentaw l-esperti l-konvenuti ma ppresentawx certifikati la tal-*Labour Office* u lanqas tal-*union* dwar dawn l-*istandards*. Fl-opinjoni ta' din il-Qorti l-verzjoni tal-atturi hija ferm aktar veritiera milli dik tas-socjetajiet konvenuti, anke ghaliex jidher li l-impjegati stess tal-istess socjeta', u mhux involuti fil-*management*, kkoroboraw it-tezi tal-atturi, li l-impjegati la kellhom ilbies prottettiv, u lanqas kellhom ambjent prottettiv tant li saru

diversi lmenti dwar dan lill-*management* kemm *tramite* l-istess impjegati u kemm mill-*union* tal-haddiema.

Illi infatti Jane Desira xehdet li zewgha kien imur lura mix-xoghol b'ghajnejh homor minhabba l-kimika li kienet tintuza'. Spjegat ukoll kif huwa ha infezzjoni fil-qiegh ta' saqajh it-tnejn u dan minhabba l-ilmijiet li kien ikun hemm ma' l-art u li kienu jippenetrawlu miz-zarbun. Certament li minn dan kollu jirrizulta wkoll, li jekk ghall grazzja tal-argument jigi koncess ghall-mument li xi forma ta' ilbies prottettiv kien jinghata lil xi impjegati, l-istess konvenuti ma kienux jezigu li l-istess jintliebes waqt ix-xoghol, anzi kienu jhallu li jsir l-istess xoghol minghajr tali lbies protettiv.

Illi *inoltre* Mario Borg xehed li b'konsegwenza tax-xoghol ghandu problema fil-gerzuma u fil-fatt ghamel zminijet meta lanqas biss kellu vuci. Huwa kompla *"Fil-fatt jiena kont dhalt l-isptar ghall-ezamijiet u wara li ezaminawni huma kienu rrakkomandawli illi minhabba t-tip ta' xoghol tieghi jiena kelli nixrob regolarment flixkun halib kull jum u qaluli wkoll illi jiena kelli nevita kemm jista' jkun l-elementi u rwejjah hawn fuq imsemmija. Jiena ghadni nbati bil-vuci sa llum u fil-fatt il-vuci tieghi ghadha mahnuqa."*

Illi wkoll l-esperti kkummentaw li rakkomandazzjoni mportanti ghall-*managers* u proprjetarji ta' *laundries* u *dry cleaners* hija li jsir *monitoring* ta' livelli ta' sustanzi perikoluzi prezenti fl-arja gewwa l-*laundry*, u li jittiehdu l-prekawzjonijiet kollha mehtiega tal-haddiema u nies ohra li

jahdmu, jew ikunu prezenti fl-impjant. Huma ziedu *"Mix-xhieda pprezentata ma jidhirx li kien isir xi monitoring tal-arja gewwa l-laundry mis-socjetajiet konvenuti."*

Illi kwindi s-socjetajiet konvenuti naqsu li jipprovdu *"a safe system of work"* u li jiehdu l-prekawzjonijiet kollha necessarji sabiex jassiguraw is-sahha tal-haddiema taghhom kif rikjest skond il-ligi vigenti. Infatti fir-**Regolamenti dwar il-Fattoriji** ntitolati **"Sahha, Skansar u Hsieb Generali Ghall-Gid"** tal-25 ta' Dicembru 1945, promulgati taht l-**Ordinanza ta' l-1940 dwar il-Fattoriji (Kap 126),** jipprovdu fit-tielet paragrafu taht l-ewwel taqsima ntitolata **Sahha** illi:

*"Ghandu jinhaseb sew u bil-galbu sabiex, billi jkun hemm minghajr ma tonqos cirkolazzjoni ta' arja safja f'kull kamra tax-xoghol, jinzamm tirwieh xieraq fil-kamra, u sabiex isir dak li jkun mehtieg halli sa fejn jista' jkun ma jaghmlux hsara d-dhahen kollha, it-trabijiet kollha, u l-hwejjeg l-ohra kollha li jistghu jaghmlu hsara li jinqalghu mix-xoghol jew minn xi metodu ta' xoghol fil-fattorija."*

Illi mbaghad fit-tmien (8) paragrafu taht it-Tielet Taqsima ntitolata **Hsieb Generali Ghall-Gid** illi:

*"F'kull fattorija fejn, minhabba dak li jkun qed isir, jitrabbew trabijiet jew dhahen jew hwejjeg ohrajn ta' dik ix-xorta u ta' dik il-qawwa li jistghu jaghmlu deni lin-nies li jahdmu hemm jew idejquhom, jew kwantita' qawwija ta' trabijiet ta' kull*

*xorta li jkunu, ghandu jittiehed kull hsieb li jista' jittiehed sabiex jitharsu l-impjegati milli jghaddu minn imnifsejhom it-trabijiet jew id-dhahen jew hwejjeg ohrajn u sabiex dawn it-trabijiet dhahen u hwejjeg ohrajn ma jingemghux f'xi kamra tax-xoghol, u, l-iktar, meta x-xorta tax-xoghol thalli li jsir hekk, taghmir ta' l-exhaust ghandu jitqieghed u jinzamm, kemm jista' jkun qrib fejn johorgu t-trabijiet jew dhahen jew hwejjeg ohra, sabiex jinzammu milli jithalltu ma' l-arja f'xi kamra tax-xoghol."*

Illi sussegwentement **b'Avviz Legali Numru 126 ta' l-1974** zdied fit-Tieni Taqsima ntitolata **Skansar** ta' l-imsemmija Regolamenti s-segwenti :-

*"7A (1) Bla hsara ghal kull disposizzjoni ohra ta' dawn ir-regolamenti jkun id-dmir ta' kull min ihaddem in-nies li jiehu l-kura kollha xierqa ghall-iskansar mill-periklu ta' l-impjegati tieghu fic-cirkostanzi kollha.*

*(2) Kull min ihaddem in-nies ghandu jiehu l-passi prattikabbli kollha biex jaccerta l-perikli, jekk ikun hemm, li ghandhom x'jaqsmu ma' process ta' xoghol jew ma' sustanza u li jipprovdi kull meta jkun hemm htiega lbies u taghmir personali protettiv.*

*(3) Kull impjegat li jigi provdut b'ilbies jew b'taghmir protettiv ghandu jaghmel uzu tajjeb minn dak l-ilbies jew taghmir li jkun ghad-disposizzjoni tieghu."*

Illi fir-rapport taghhom l-esperti spjegaw l-elementi u l-kwalitajiet ta' l-*asbestos* u l-qorti thoss li minhabba n-natura partikolari tal-kaz odjern ghandha tikkwota s-segwenti :-

*"L-Asbestos huwa materjal li kien jintuza' biex jinksew dawn il-pajpijiet (lagging). Dan il-materjal ghandu proprjetajiet mekkanici tajbin u jinstab b'forma ta' hjut jew trab f'monjieri gol-blat fil-Kanada, fl-Awstralja u f'pajjizi ohra. L-Asbestos huwa l-isem generiku li jinghata ghall-materjal li teknikament hu separat f'zewg gruppi. L-aktar komuni huwa tat-tip 'Serpentine', li fih il 'Chrysotile' (white asbestos) u l-grupp l-iehor tat-tip 'Amphibole', li fih l-'Amosite' (brown/grey asbestos), l-'Crocidolite' (blue asbestos), 'Tremolite', 'Actinolite' u 'Anthophyllite'.*

*Peress li proprjeta importanti ta' l-asbestos hija li jzomm is-shana, dan il-materjal kien jintuza' kwazi f'kull magna fejn is-shana hija mportanti ghall-efficjenza tax-xoghol taghna. Ghaldaqstant, gewwa laundry, l-asbestos issibu f'magni tal-moghdija, 'Tumble Dryers', 'Roller Dryers', lagging madwar boilers u pajpijiet.*

*Il-White Asbestos (Chrysolite) kien jintuza l-aktar b'forma ta' habel jew drapp minsug mill-hajt ta' l-asbestos. Xi ditti tal-manifattura tal-prodotti tal-asbestos kienu jhalltu l-'Chrysolite' mal-'Crocidolite' (Blue Asbestos) biex jipproducu hbula jew faxex tal-asbestos. L-aktar komuni kien il-'White Asbestos Rope'.*

*Fil-laundry tas-socjetajiet konvenuti l-asbestos kien jintuza b'forom u tipi differenti ta' prodotti. Il-pajpijiet kienu jigu lagged bi hbula tal-asbestos kif gie ndikat fix-xhieda taz-zewg nahat. Dan ukoll huwa muri f'wiehed mir-ritratti EGZ Shirt Pressing, (espost mill-konvenuti), fuq in-naha tax-xellug ta' fuq tar-ritratt.*

*Ghall-lagging ta' pajpijiet ta' daqs zghir (1" – 2" dia), kien jintuza habel tal-asbestos. Fil-kaz ta' pajpijiet u kanen ta' daqs akbar kien jintuza drapp minsug tal-asbestos u li kien jiddawwar mal-pajp u wara jigi mehjut fuq il-post. Il-hbula tal-asbestos kienu maghmula minn hjut irqaq u qosra. Minhabba dan, il-hbula kienu disposti li wara xi zmien jibdew jitfarfru minn fuq il-pajpijiet.*

*Trab u hjut tal-asbestos jinstab fl-arja meta jkun qed isir xi caqliq, qtugh, tkisser, etc, ta' makkinarju li jkun fih l-asbestos. It-trab tal-asbestos li jinqabad fil-kurrenti tal-arja jingibed gewwa man-nifs ta' persuni li jkunu prezenti jekk dawn ma jkollhomx maskri li jghattulhom halqhom u mnihirhom.*

*L-asbestos kien jigi mportat f'Malta f'hafna forom ta' prodotti manifatturati. Din l-importazzjoni twaqfet b'ligi AL 129 Ordinanza tad-dwana fl-1994."*

Imbaghad taw ukoll dettalji medici dwar l-effett tal-istess fuq il-bniedem :-

*"Mhux it-tipi kollha tal-asbestos huma assocjati bil-qawwa ma' l-izvilupp ta' dan it-tumur u dan minhabba il-proprjetajiet differenti tal-hjut li kull tip t'asbestos jifforma. L-asbestos l-abjad [chrysolite} huwa l-aktar tip li jintuza' kummercjalment u huwa l-uniku tip li jifforma hjut li huma qishom nokkli {serpentine fibres}. Minhabba dil-proprjeta', ma jistax jigi migbud gol-fond tal-pulmun man-nifs daqs li kieku l-hjut tieghu kienu dritti bhal dawk ta' tipi ohra t'asbestos. In fatti f'awtopsji ta' nies esposti ghall-asbestos huma ftit il-hjut ta' asbestos abjad li jinstabu fil-periferiji tal-pulmun jew fil-pleura. Ghaldaqstant wiehed jista' jghid li r-riskji li wiehed isoffri minn 'Malignant Pleural Mesothelioma' meta jigi espost ghal dan it-tip t'asbestos biss huma remoti hafna.*

*Mhux l-istess jista' jinghad ghat-tipi komuni ohra tal-asbestos, jigifieri l-asbestos il-blu [crocidolite] u l-asbestos il-kannella [amosite] li huma tal-familja ta' asbestos maghruf bhala 'amphiboles' u li ghandhom hjut dritti u ghaldaqstant jistghu jinfiltraw il-pleura hafna aktar mill-hjut tal-'chrysolite'. Tant hu veru li f'nies li ma jigux esposti ghal dan it-tip ta' minerali, ir-riskju ta' Malignant Pleural Mesothelioma huwa ta' madwar wiehed f'miljun meta komparat ma' riskju ta' bejn 3 sa 15% f'nies li kienu esposti ghal hafna asbestos tat-tip 'amphibole'. Wiehed irid ighid li kif imsemmi aktar il-fuq f'dan ir-rapport, ghalkemm l-aktar asbestos uzat kommercjalment f'forma ta' hbula jew drapp minsug huwa l-asbestos abjad [chrysolite],* ***xi ditti ta'***

***manifattura tal-prodotti tal-asbestos kienu jhalltu mieghu l-asbestos blu [crocidolite].***

*Komponent iehor importanti f'kazi bhal dan huma l-ammont u z-zmien ta' exposure ghall-asbestos li wiehed ikollu. Dan huwa difficli biex jiddefenih meta ma jkunx hemm 'monitoring' tal-arja u tal-ammont t'asbestos jtir fl-arja fil-post tax-xoghol. Studji juru li jekk wiehed jigi espost ghal-ammonti* ***intensi*** *ta' 'amphibole', wiehed qieghed f'riskju li jizviluppa 'mesothelioma' anke wara exposure ta' sitt xhur. Dan it-tip ta' exposure intens wiehed ma tantx jiltaqa' mieghu f'post tax-xoghol bhal laundry, imma wiehed jista' jkollu riskju mizjud b'ammont zghir ta' asbestos fl-arja ghal tul ta' zmien – tant hu hekk li kien hemm kazi ta' 'mesothelioma' f'nisa li kienu jahslu l-ilbies tax-xoghol tar-ragel mimlija asbestos ghat-tul ta' zmien."*

Illi l-Kirurgu Dennis T. Gatt li kien dak li opera lill-istess Anthony Desira f'Mejju 1995 ikkonferma li *"is-samples li tnehhew ikkonfermaw li kellu mesothelioma tal-plewra li hija direttament assocjata ma' l-espozizzjoni xi zmien qabel ghall-asbestos"*

Illi jinghad ukoll illi ghalkemm ix-xhieda tas-socjetajiet konvenuti nsistew li Anthony Desira kien ipejjep hafna tant li jista' jissejjah *"a chain smoker"* fir-relazzjoni tal-esperti affermaw hekk : *"it-tipjip f'nies li jahdmu fl-asbestos izid ic-cansijiet ta' Kancer tal-Bronki [Bronchial Carcinoma] hafna imma mhuwiex assocjat ma' zieda fir-riskju li wiehed*

*jizviluppa 'mesothelioma'".* B'hekk din l-affermazzjoni hija kompletament irrilevanti ghall-vertenza odjerna.

Illi minn dan kollu din il-Qorti hija konvinta li abbazi tal-provi prodotti jirrizulta li l-imsemmi Anthony Desira miet b'kancer li gie kkawzat bl-espozizzjoni xi zmien qabel u tul hajtu ghall-*asbestos*. Gie ppruvat li l-istess Desira gie in kuntatt ma' l-*asbestos* u din ma kinetx okkazzjoni ta' darba, *stante* li l-istess materjal jirrizulta li kien uzat fil-fabbriki tas-socjetajiet konvenuti meta huwa kien jahdem maghhom. Illi fl-1989 huwa beda jircievi l-pensjoni tal-invalidita' u kwindi kien spicca mix-xoghol. Sussegwentement fl-1995 irrizulta li kien qieghed ibati mill-kancer fuq imsemmi. Izda *nonostante* l-qabza fiz-zmien minn mindu spicca mix-xoghol ghal meta hargitlu l-marda rrizulta li anki esposizzjoni qasira ta' ftit xhur tista' tkun kawza tal-marda sa 20 sena wara.

Illi m'hemm l-ebda dubju kwindi li l-istess Desira gie espost ghall-*asbestos* fuq tul sostanzjali ta' zmien sakemm spicca u dan minghajr ma kien inghata protezzjoni adegwata u dan qed jinghad anke dwar il-minimu rikjest ta' lbies protettiv u ambjent san fejn l-istess *decujus* u mpjegati ohra kienu jahdmu.

Illi ghalhekk din il-Qorti tiddeciedi illi s-socjetajiet konvenuti huma responsabbli ghall-mard u konsegwenzjali mewt ta' l-imsemmi Anthony Desira peress li ghar-ragunijet fuq imsemmija huma naqsu li jiehdu l-passi kollha necessarji

sabiex tigi mharsa sahhtu mill-perikli li ghalihom kien soggett fuq il-post tax-xoghol tieghu.

**(B) LIKWIDAZZJONI TA' DANNI**

Illi f'dan il-kaz ghandna l-werrieta tal-vittma li qed jitolbu li jigu risarciti ghad-danni sofferti mill-istess vittma. Illi din il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni ta' din il-Qorti diversament preseduta li kkummentat hekk fuq dan l-aspett tal-kawza fis-sentenza fl-ismijiet **'Anthony Turner et vs Francis Agius et'** deciza fis-17 ta' Frar 1998 (Cit.Nru. 180/94/GCD) u cjoe' :-

*"Id-dritt ghar-risarciment ghad-danni hu dritt patrimonjali li jintiret bhall-ohrajn, u ma ghandux ikun modifikat ghax jghaddi b'wirt f'idejn is-successur; id-dritt tas-successur huwa l-istess dritt li kellu l-awtur tieghu."*

Illi dan huwa bbazat fuq il-fatt li kif jidher car mic-citazzjoni attrici l-atturi qed jaghmlu din il-kawza bhala *aventi causa* mill-mejjet u dan skond kif jirrizulta minn Dok. JD14 (a fol. 92 tal-process) li huwa testment *"Unica Charta"* datat fis-26 ta' Ottubru 1995 fl-atti tan-Nutar Dottor Gerard Spiteri Maempel u b'hekk jidher car li d-danni li qed jigu reklamati huma dawk medesimi naxxenti mid-drittijiet tal-vittma li llum qed jigu ezercitati mill-istess atturi bhala successuri tal-istess.

Illi dan huwa bbazat fuq il-fatt li kif jidher car mic-citazzjoni attrici l-atturi qed jaghmlu din il-kawza bhala *aventi causa* mill-mejta tant li fl-istess citazzjoni attrici jinghad li *'huma l-eredi ta' Marion Mizzi kif jirrizulta mill-anness dokumenti'* u ghalhekk jidher car li d-danni li qed jigu reklamati huma dawk medesimi naxxenti mid-drittijiet tal-vittma fil-mument tal-incident li llum qed jigu ezercitati mill-istess atturi bhala successuri tal-istess.

Illi fi kliem iehor l-azzjoni ta' danni vantata mill-atturi hija l-istess azzjoni spettanti lill-vittma naxxenti mid-danni li sofriet kawza tal-incident *de quo,* u ghalhekk dak li qed jigi ezaminat illum huma l-istess drittijiet li kien ikollha l-vittma li kieku baqghet hajja u li fil-fatt kellha sakemm hija kienet ghadha hajja; dan iwassal ghall-konsegwenza li tigi wkoll in prattika eleminata l-anomalija li kienet inholqot anke *tramite* gurisprudenza precedenti ghal din is-sentenza fuq citata fejn min ikkawza d-dannu kien iwiegeb f'ammont anqas meta persuna tinqatel kawza tal-agir irrisponsabbli u negligenti tieghu milli meta kien biss ikorri l-istess vittma, li kienet b'hekk issofri dizabilita' permanenti.

Illi f'kaz ta' mewt *invece* l-persentagg ta' dizabilita' permanenti huwa bla dubju ta' mija fil-mija (100%) u ghalhekk it-talba ghar-risarciment ta' danni ghandha tigi diretta lejn dan l-istess persentagg, u dan jikkonferma l-principju li d-dritt u l-valur tal-hajja huwa wiehed assolut u totali u hekk ghandu jigi rispett u rikonoxxut fil-ligi nostrali, b'dan li din is-sentenza qed tirrikonoxxi mhux biss l-gherf u

l-umanita' tad-decizjoni citata, izda wkoll il-principji legali sodi li fuqha hija bbazata u li fuqhom din il-Qorti qeghda timxi.

Illi minn dan isegwi li l-istess atturi mhux qed jezercitaw l-azzjoni *iure proprio* izda bhala eredi tal-mejta, u ghalhekk dak li qed jigi ezaminat ma huwiex l-effett li l-istess mewt tragika halliet fuq il-familjari taghha, dipendenti minnha jew le, izda d-dritt ta' danni sofferti mill-vittma li tramite l-ligi tas-successjoni gie trasmess lill-eredi, b'dan li d-dritt tal-azzjoni tal-vittma w id-dritt illum ezercitat mill-eredi taghha huwa l-istess wiehed identiku.

Illi dan il-kuncett gie espress b'dan il-mod fl-istess sentenza u cjoe':-

*'Jekk il-ligi tippermetti u trid li l-atturi jirtu lill-mejta, ukoll jekk ma jiddependux minnha ghall-ghejxien taghhom, il-qorti ma tistax tghid li l-atturi ma jirtux ukoll id-dritt ghad-danni li kienet tiehu l-vittma li kieku baqghet hajja. Il-fatt li l-vittma setghet, kieku baqghet hajja, tizzewweg u ghalhekk ma jirtuwhiex il-genituri u hutha ma jibdilx il-fatt li, meta mietet qabel il-waqt, ghax kellha x-xorti hazina li tafda hajjitha f'idejn sewwieq bla ghaqal, l-eredi taghha kienu l-atturi tal-llum".*

Illi dan l-istat ta' fatt huwa wkoll rikonnoxut fil-ligi taghna *stante* li l-**artikolu 1045 tal-Kap 12** jiddisponi li:-

*'(1) Il-hsara li l-persuna responsabbli ghandha twiegeb ghaliha, skond id-disposizzjonijiet ta' qabel, hija t-telf effettiv li eghmil taghha jkun gieb direttament lill-parti li tbaghti l-hsara, l-ispejjez li din il-parti setghet kellha taghmel minhabba l-hsara, it-telf tal-paga jew qliegh iehor attwali, u t-telf ta' qliegh li tbaghti 'l quddiem minhabba l-inkapacita' ghal dejjem, totali jew parzjali, li dak l-eghmil seta' jgib'.*

*(2) Is-somma li ghandha tigi moghtija ghal din l-inkapacita' tigi stabbilita mill-Qorti, wara li tqis ic-cirkostanzi tal-kaz, u, b'mod partikolari, ix-xorta u grad ta' nkapacita' kkagunata, u l-kundizzjoni tal-parti li tbaghti l-hsara'.*

Illi l-**artikolu 1046 tal-Kap 16** ikompli hekk:-

*'Jekk minhabba l-eghmil li jaghti lok ghad-danni xi hadd imut, il-Qorti tista', flimkien mat-telf u spejjez attwali kkagunati, taghti lill-werrieta tal-mejjet id-danni, bhal fil-kaz ta' inkapacita' totali ghal dejjem, skond id-disposizzjonijiet ta' l-ahhar artikolu qabel dan'.*

Illi mela l-ligi ma taghmilx differenza bejn it-tip ta' danni bejn il-kaz ta' dizabilita' permanenti f'kaz ta' persuna li twegga' u tibqa' hajja u fil-kaz ta' persuna li tmut, u l-istess principji ta' *damnum emergens* u *lucrum cessans* japplikaw, kollha soggetti ghac-cirkostanzi tal-kaz in partikolari; li hija sinifikattiv fl-**artikolu 1046** hawn citat huwa li l-istess dispozizzjoni tirrikonoxxi id-dritt tal-werrieta

li jagixxu ghad-danni sofferti mill-mejjet, u la darba l-istess ligi titkellem fuq *werrieta* huwa ovvju li l-azzjoni li din qed tirreferi ghaliha hija proprju dik spettanti lill-persuna li tkun sofriet l-istess hsara u dan anke peress li fil-kaz ta' mewt il-ligi qed titkellem fuq *inkapacita' totali ghal dejjem* b'riferenza diretta ghat-telf ta' hajja tal-istess individwu, u dan kollu jikkonferma li l-eredi qed jagixxu bhala s-successuri fid-drittijiet tal-istess vittma tal-akkadut.

Illi stabbilit il-premess isegwi li l-kwistjoni ta' *dependency* hija superfluwa fil-kuntest tal-principji fuq esposti u ghalhekk din il-Qorti, dejjem bir-rispett, qed tiddipartixxi mill-gurisprudenza stabbilita bhala fil-kaz **'Maria Pace et vs Joseph Abela'** , **'Josephine Desira proprio et nomine vs Joseph Cassar'** (P.A. 13 ta' Jannar 1995), **'Joseph Meli et nomine vs Captain Edward sive Teddy Cachia** (P.A. 21 ta' Novembru 1994), **'George Cumbo et nomine vs Robert D'Anastasi** (P.A. 23 ta' Ottubru 1992) ; **'Pauline Lia proprio et nomine vs Paul Debattista** (P.A. 6 ta' Novembru 1995) u **'Josephine Xerri et vs Saviour Spiteri et nomine'** (M.S. Ghawdex 22 ta' Frar 1985), kif *di piu'* ghamlet is-sentenza citata **'Anthony Turner et vs Francis Agius'** u **'Mario Mizzi vs Paul Genovese et'** (P.A. (RCP) 21 ta' Marzu 2002)

Illi din il-Qorti wkoll tafferma dak li gie enuncjat fl-ahhar sentenza citata li ma ghandu jsir ebda tnaqqis mis-somma li ghandha tigi likwidata ghal dak li setghet tikkonsma il-vittma kieku hija baqghet hajja stante li dan it-tnaqqis ma

jsirx fil-kaz ta' persuna li baqghet hajja u ghalhekk ma ghandux isir fil-kaz ta' persuna li tmut, u dan huwa konsegwenti tal-fatt guridiku li tali dritt ghar-risarciment tad-danni jintiret mill-eredi bla ebda modifika, u *'d-dritt tas-successur huwa l-istess dritt li kellu l-awtur tieghu. Jekk nghidu mod iehor inkunu qeghdin nergghu nghidu li aktar jaqbillu min isuq hazin isuq ftit aghar sabiex il-konsegwenzi tas-sewqan hazin tieghu jkunu aktar serji, sabiex lill-vittmi joqtolhom flok ikorrihom. Din hija haga li l-ligi zgur ma tridhiex; u ma ghandux ikun li min ghandu jwiegeb ghal danni jghid mn'Alla qatilha lill-vittima ghax li kieku baqghet hajja izda nkapacitata ghal kollox kien ikun aghar ghalih'*.

Illi ghal dak li huwa likwidazzjoni ta' danni Jane Desira pprezentat affidavit appozitu. Illi meta Anthony Desira miet fit-8 ta' Awissu 1996 fl-eta' ta' 49 sena huwa kien qed jircievi l-pensjoni tal-invalidita' u dan kien ilu jircevieha sa mill-1989. Illi jigi rilevat f'dan l-istadju illi l-istess Desira kien gie *"boarded out"* minhabba l-infezzjoni li kellu f'saqajh. Illi tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz u tal-fatt li huwa kien qed jircievi pensjoni tal-invalidita' u kwindi kien ilu li spicca mix-xoghol din il-Qorti tuza' d-diskrezzjoni taghha u tillikwida l-ammont li ghandu jithallas lill-atturi *in linea* ta' danni huwa ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) liema ammont ghandu jithallas lill-atturi mill-istess socjetajiet konvenuti.

Illi kwantu ghad-danni li qed jigu reklamati mill-atturi ghall-hlas ta' servizzi ta' diversi specjalisti jinghad illi li ma gew

prezentati l-ebda ricevuti biex jipprovaw l-istess. Ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez funerarji reklamati dawn m'humiex gustifikati.

**III. KONKLUZJONI.**

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tas-socjetajiet konvenuti, **tilqa' t-talbiet attrici** b'dan li:-

(1) Tiddikjara illi s-socjetajiet konvenuti responsabbli ghal mard u konsegwenzjali mewt ta' l-imsemmi Anthony Desira inkwantu huma naqsu milli jiehdu l-passi kollha necessarji sabiex tigi mharsa s-sahha ta' l-istess Anthony Desira mill-perikli li ghalihom huwa kien soggett fuq il-post tax-xoghol tieghu;

(2) Tillikwida d-danni sofferti mill-atturi minhabba tali responsabbilta' fl-ammont ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) ;

(3) Tikkundanna u tordna lis-socjetajiet konvenuti jhallsu lill-atturi s-somma ta' ghoxrin elf lira Maltin (Lm20,000) bhala danni hekk likwidati.

Bl-imghax legali mid-data tas-sentenza sa l-effettiv pagament u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali tat-30 ta' Settembru 1996 u dawk tal-Mandat ta' Sekwestru

Kawtelatorju pprezentat kontestwalment mac-citazzjoni kontra s-socjetajiet konvenuti.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Raymond C. Pace LL.D.**
**27 ta' Gunju 2002.**

**Mario Debono**
**Deputat Registratur**
**27 ta' Gunju 2002**